MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2003

Citazzjoni Numru. 1425/1999/1

**ALCASONS & COMPANY LIMITED**

vs

**TIGNE DEVELOPMENT COMPANY LIMITED noe.**

**Il-Qorti:**

Dan huwa degriet mogħti skond l-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fuq talba magħmula mill-kumpannija attriċi b’rikors tagħha tas-7 ta’ Marzu, 2003[1], biex jitneħħa mill-atti tal-kawża l-affidavit bix-xhieda ta’ Stephen Lloyd, imressaq mill-kumpannija mħarrka b’Nota tagħha tal-5 t’April, 2002[2];

Ir-raġunijiet li għalihom il-kumpannija rikorrenti qegħda titlob it-tneħħija mill-atti tal-imsemmi affidavit huma: (a) li l-Qorti kienet awtorizzat is-smigħ tal-imsemmi xhud *viva voce* quddiem Assistent Ġudizzjarju minnha maħtur[3] u mhux bil-mezz tal-affidavit; (b) li hemm riżervi dwar l-għamla tal-affidavit u l-mod kif sar; (ċ) li bil-mod kif imxiet il-kumpannija mħarrka, id-drittijiet tar-rikorrenti fil-kawża ddgħajfu; u (d) l-affidavit ma jissoddisfax ir-rekwiżiti tal-liġi;

Fit-Tweġiba tagħha għar-rikors imressqa fit-30 t’April, 2003[4], il-kumpannija mħarrka fissret x’wassal biex tressaq l-affidavit minflok instma’ x-xhud *viva voce*, u tenniet li l-affidavit sar kif titlob il-liġi. Hija tat ukoll suġġeriment dwar kif jista’ jsir arranġament biex il-mistoqsijiet li l-kumpannija attriċi trid li tagħmel lix-xhud fil-kontro-eżami tagħha jitwasslu lill-istess xhud u jitwieġbu minnu. Qalet li x-xhud m’huwiex maħsub li se’ jkun Malta f’xi żmien;

[1] Paġ. 140 tal-proċess
[2] Paġġ. 103-5 tal-proċess
[3] Degriet 7.11.2001, f’paġ. 99 tal-proċess
[4] Paġ. 143 tal-proċess

Il-Qorti semgħet lill-avukati tal-partijiet dwar dan l-episodju kemm waqt is-smigħ tat-8 ta' Mejju, 2003[5], u kif ukoll waqt dak tas-17 ta' Ġunju, 2003[6];

Semgħet ukoll it-trattazzjoni tagħhom dwar l-istess affidavit;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li dan l-episodju nissel kwestjoni dwar l-ammissibilita' tax-xhieda mressqa mill-partijiet li messha tħalliet għal tifsira waqt it-trattazzjoni tal-aħħar tal-kawża. Ġara li issa faqqsu inċidenti oħrajn fejn dwar xhieda diġa' mogħtija waqt is-smigħ tal-kawża tqanqal dubju dwar l-ammissibilita' tagħha, u fejn provi ġodda qegħdin jintalbu mill-partijiet, minflok ma jżommu mal-parametri tal-azzjoni kif intavolata u mal-eċċezzjonijiet imressqa sallum. Dwar l-imsemmija kwestjonijiet, din il-Qorti tat degrieti kamerali llum stess rigward ir-rikorsi magħmulin mill-kumpannija mħarrka;

Illi għar-rigward tal-affidavit li jifforma l-mertu ta' dan id-degriet, jingħad li l-kumpannija rikorrenti ma wrietx fiex jikkonsistu r-riżervi tagħha dwar l-għamla u r-regolarita' li bihom sar l-affidavit. L-oġġezzjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' tħaris tar-rekwiżiti tal-liġi tfissru bħala ksur tal-artikolu 21(3) tal-Kap 12 u nuqqas ta' partikolaritajiet biżżejjed dwar il-persuna li għamlet l-affidavit;

Ma' dan, il-Qorti żżid tinnota li d-degriet li kien ingħata qabel (fuq l-assikurazzjoni magħmula mill-kumpannija mħarrka fir-Rikors tagħha tat-30 ta'

[5] Paġ. 145 tal-proċess
[6] Paġ. 147 tal-proċess

Novembru, 2001[7]) kien fis-sens li l-imsemmi Stephen Lloyd jagħti x-xhieda tiegħu *viva voce* fi żmien li wkoll issemma fir-rikors, u kien għalhekk li ħatret Assistent Ġudizzjarju għal dan l-għan speċifiku. Fl-ewwel smigħ wara li tressaq l-affidavit taħt eżami, il-Qorti (diversament presjeduta) illimitat ruħha biex tħassar il-ħatra li kienet tat lill-Assistent Ġudizzjarju u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni[8];

Madankollu, kif sewwa tirrileva l-kumpannija mħarrka, fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom minħabba li x-xhud tagħha ma kienx ġej Malta, il-liġi tagħna tippermetti li x-xhieda mogħtija b'affidavit kif imiss minn dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti tinġieb bħala prova quddiem qorti f'Malta[9]. Ta' min jgħid li jirriżulta li l-kumpannija attriċi laqgħet in-notifika ta' kopja tal-imsemmi affidavit fil-11 t'April, 2002[10], iżda ma jidhirx li saret xi talba minnha lil din il-Qorti għall-finijiet tal-artikolu 622A(2) tal-Kap 12. Minflok, sar ir-rikors preżenti xi xhur wara;

Fid-dawl ta' din il-qagħda fil-liġi tagħna, filwaqt li l-Qorti tifhem id-diffikulta' li l-kumpannija attriċi jista' jkollha biex tagħmel il-kontro-eżami tax-xhud, ma tistax taqbel magħha li d-drittijiet tagħha fil-kawża ġew menomati minħabba fl-affidavit. Jekk għal raġunijiet tagħha, il-kumpannija attriċi għażlet li ma tużax l-għodda mogħtija lilha mil-liġi nnifisha bħala miżura biex tikkontrolla x-xhieda mressqa bl-affidavit, dan ma jissarrafx fi ksur ta' jedd jew, anqas u anqas, fil-konsegwenza li x-xhieda hekk imressqa titneħħa mil-atti tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija attriċi magħmula fir-rikors tagħha tas-7 ta' Marzu, 2003, billi:

**Tiċħadha** u tordna li x-xhieda mogħtija minn Stephen Lloyd fl-affidavit tiegħu tat-22 ta'Marzu, 2002, titħalla fl-atti tal-kawża, u dan bla ebda

[7] Paġ. 98 tal-proċess
[8] Ara verbal tas-smigħ tas-17.5.2002, f'paġ. 106 tal-proċess
[9] Art. 622A(1) tal-Kap 12
[10] Riferta f'paġ. 120 *tergo* tal-proċess

ħsara għal kull arranġament li jista' jintlaħaq dwar il-mod kif jista' jsir il-kontro-eżami tal-imsemmi xhud.

**Spejjeż riżervati**.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------